SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SITT KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 02-12

Illum it-Tnejn, 23 ta' April 2012
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-1.30pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Joe Balzan u l-Kunsilliera: Terrance Ellul, Joe Bonello u Caroline Galea.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 01-12 li saret nhar l-Erbgħa, 4 ta' April 2012 ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn il-5 ta' Marzu 2012 u t-23 ta' April 2012 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 426/12/O – Grant Thornton – *Audit* 2012
- 440/12/O – Ritemix – Xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Inez Soler
- 441/12/O – Accountant tal-Kunsill – Pendenzi

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 292/12/I – Trasport Malta – Servizz ta' *reserved parking*
- 293/12/I – St Benedict's Girls Secondary – EkoSkola
- 297/12/I – Resident - Ħsara fil-vettura
- 307/12/I – Residenta – Masġar Karl Chircop
- 317/12/I – TCTC – TCTC *projects*
- 334/12/I – Once Upon a Time – *Chinese Garden*
- 361/12/I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Ċirk 16/2012 - WSC
- 378/12/I – Awtorita' tad-Djar – Pjan ta' Manutenzjoni tal-Komun
- 401/12/I – Awtorita tad-Djar – *Request for Additional Funds*
- 407/12/I – The Malta Horticultural Society – *The Great Spring Show*
- 412/12/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Memo* 17/2012 – Skema EGOV4U għall-Kunsilli Lokali
- 421/12/I – Resident – Triq Garnaw għal Gudja

- 425/12/I – Malta Council for Culture and the Arts – *Cultural Calendar*
- 429/12/I – Trasport Malta – Ħruġ minn Santa Luċija għal fuq Xintill *Roundabout*
- 432/12/I – MHEC Primary Health Care – *Health Education Sessions*
- 435/12/I – Reġjun Nofsinhar – Stedina għal-Laqgħa Annwali tar-Reġjun Nofsinhar
- 436/I2/I – Perit Stuart Azzopardi – Triq Inez Soler
- 437/12/I – Marsascala Day Centre – Ittra ta' ringrazzjament
- 438/12/I – Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika – Stħarriġ dwar il-Kompożizzjoni tal-Iskart Muniċipali
- 445/12/I – Ċirkulari AKL23/2012 –Proġett *Youth in Action*

**2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- SANTA LUĊIJA ACTION PLAN & EMVIRONMENTAL PROGRAMME – *Draft Consultation Document*

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 292/12/I il-Kunsill innota kopja ta' korrispondenza minn Trasport Malta fejn infurmat li l-applikazzjoni biex isir *reserved parking*, li saret minn residenta fi Triq Għeneb id-Dib, ma ġietx milqugħa. Ir-raġuni li ngħatat kienet li diġa hemm garaxx mar-residenza.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 293/12/I il-Kunsill qabel li jikkopera ma' l-inizjattiva tal-Eko *committee* ta' l-iskola St Benedict's Girls Secondary biex jinżergħu aktar siġar f' Santa Luċija.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 297/12/I il-Kunsill iddiskuta ittra mingħand resident li stqarr li għamel ħsara ta' €460 fil-vettura tiegħu minħabba ħofra li kien hemm fit-triq bejn Triq Maria de Domenicis u Triq iż-Żnuber. Il-Kunsill qabel li jitlob l-informazzjoni neċessarja bħal rapport tal-pulizija biex tkun tista' ssir *claim* lil *Insurance* tal-Kunsill.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 307/12/I il-Kunsill iddiskuta kopja ta' ittra li residenta kitbet lil Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali dwar xogħol fuq bini ta' ħajt li jdawwar il-Masġar ta' Karl Chircop. Is-Sindku qal li fl-ittra msemmija din ir-residenta oġġezzjonat għal fatt li l-ħajt qed jinbena bil-ġebla tal-franka u li dan mhux qed jikkumplimenta l-ambjent tal-madwar. Huwa qal li ma kienx possibbli li l-ħajt jsir tas-sejjiegħ u li maż-żmien il-ġebla tieħu l-kulur u dan iċ-ċint jista' jinkesa bil-*creepers*. Is-Sindku qal li fiċ-ċirkustanzi l-post diġa ħa r-ruħ u nqata' ż-żibel li kien jintefa' fih fuq in-naħa ta' wara. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li x-xogħol mhux għaddej b'rittmu tajjeb u qed idum wisq u li jkun tajjeb li wieħed jistaqsi jekk hemmx xi *target date* ta' meta se jitlesta. Is-Sindku qal li dawn huma ħaddiema tal-Ministeru u l-aktar li jista' jagħmel hu li jistaqsi lil bniedem inkarigat fuq dan il-proġett, għalkemm diġa jidher li ma baqax ħafna xogħol biex jitlesta.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 317/12/I il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mat-TCTC dwar il-proġetti u l-korsijiet tal-*computer* li qed jiġu offruti minn din il-kumpanija.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 334/12/I fejn saret talba lil Kunsill mill-kumpanija Once Upon a Time li xtaqu jibqgħu joffru s-servizz ta' animazzjoni bil-karattri ta' Disney lil iskejjel li jagħżlu li jġibu lill-istudenti jżuru l-Ġnien Ċiniż. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni iżda ser jiġu stabbiliti xi kundizzjonijiet għal dan il-permess biex dawn iż-żjarat ma jinterferixxux ma' attivitajiet oħra li jkunu għaddejjin f'dan il-ġnien u l-Picnic Area**.**

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 361/12/I is-Sindku rrefera għaċ-ċirkulari 16/2012 li ntbagħtet mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill intalab jagħżel minn żewġ sistemi ta' kif isir l-*asfaltar* tal-kanali meta jsir xogħol mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Il-Kunsill għażel li dan ix-xogħol isir mill-Korporazzjoni.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 378/12/I is-Sindku nforma l-Kunsill li għall-iskema 2012 tal-manutenzjoni tal-komun fil-binjiet tal-Gvern il-Kunsill bagħat il-lista ta' l-amminstraturi ta' għaxar binjiet li qablu li jidħlu f'din l-iskema. Huwa kompla jgħid li mill-għaxar binjiet li għażel il-Kunsill biex jipparteċipaw fl-iskema 2012 kienu tnejn biss li ma wrew l-ebda nteress biex jidħlu f'din l-iskema. Huwa kompla jgħid li fl-iskema għal din is-sena ser jipparteċipaw ukoll Appartamenti Independenza u blokk ieħor li s-sena li għaddiet ma kienx irnexxielu jifforma għaqda tar-resdenti.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 401/12/I is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Awtorita' tad-Djar ma kienitx laqgħat it-talba tal-Kunsill biex jingħataw fondi addizjonali biex titlesta l-aħħar parti tal-proġett tal-Jogging Track li tirreferi għal wiċċ sintetiku tul it-*track* kollu. Il-Viċi Sindku qal li ġibdulu l-attenzjoni dwar *synthetic surface* peress li meta tkun ix-xita is-*slippers* ikunu jiżolqu. Saru xi kummenti dwar il-materjal li jista' jintuża għal dan il-proġett. Is-Sindku qal li mir-riċerka li għamel jidher li hawn *synthethic material* addattat għal dan it-tip ta' proġett u ta xi eżempju ta' xi sports *complexes* li diġa għandhom minn dawn it-*tracks*. Huwa qal li dan il-proġett huwa stmat li jiswa madwar €100,000 u li kull ma sar sa issa huwa *homework* biex jekk tinqala' l-opportunita' u jiġu l-fondi, il-Kunsill ikun ippreparat.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 407/12/I il-Kunsill qabel li bħal kull sena jieħu sehem fil-*Great Spring Show* organizzat mis-Soċjeta' Volontarja Maltija tal-Ortikultura.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 412/12/I il-Kunsill qabel li minħabba l-problema ta' nuqqas ta' spazju fl-uffiċċini tal-Kunsill ma kienx possibli li l-Kunsill japplika għall-iskema ta' l-EGOV4U.

**3.12** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 421/12 is-Sindku rrefera għal talba li saret permezz ta' *e-mail* biex tiġi rranġata treqja li tagħti għat-Triq tal-Gudja. Is-Sindku qal li din il-parti tat-triq tinsab fil-konfini tal-Gudja.

**3.13** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 425/12/I il-Kunsill innota stqarrija għall-istampa maħruġa mill-Malta Council for Culture and the Arts dwar attivitajiet li ser isiru minn Lulju 2012 sa Settembru 2012. Fil-kummenti tiegħu s-Sindku qal li diffiċli għall-Kunsill li jkollu tarif dwar l-attivitajiet li ser jorganizza l-Kunsill minn daqshekk żmien qabel.

**3.14** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 429/12/I is-Sindku rrefera għat-talba tal-Kunsill biex issir tabella edukattiva dwar l-użu ta' l-*indicator* madwar Xintill *Roundabout*. Huwa qal li Trasport Malta qed tikkunsidra dan is-suġġeriment u ser tinforma l-Kunsill meta tittieħed id-deċiżjoni finali.

**3.15** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 432/12/I il-Kunsill qabel li għadu nteressat li jsiru *health education sessions* organizzati mill-Primary Health Care

lir-residenti ta' Santa Luċija. Il-Kunsilliera Joe Bonello u Caroline Galea ġew inkarigati minn din l-attivita'.

**3.16** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 435/12/I saret referenza għall-laqgħa annwali li qed tiġi organizzata mir-Reġjun Nofsinhar. Is-Sindku qal li min ser jattendi għandu jinforma lil Kunsill b'dan sa mhux aktar tard mill-10 ta' Mejju 2012.

**3.17** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 436/12/I is-Sindku rrefera għall-kuntratt ta' *resurfacing* taħt l-iskema tal-PPP u nforma l-Kunsill li l-perit tal-kuntrattur kien bagħt *e-mail* fejn qed jitlob li jsir *interim payment* lil kuntrattur u qed jitlob ukoll li r-rata ta' l-asfalt tkun dik ta' €29.91 kull metru kwadru u mhux dik ta' €25.50 kif kien miftiehem. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li l-kuntrattur m'għandux dritt jagħmel din it-talba u kollox għandu jsir kif miftiehem fil-kuntratt, sew dwar ir-rata ta' l-asfalt u sew dwar il-mod kif għandu jsir il-ħlas.

**3.18** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 437/12/I il-Kunsill innota ittra ta' ringrazzjament taċ-Ċentru ta' Marsaskala għall-għajnuna tal-Kunsill waqt l-attivita' tal-*car wash*.

**3.19** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 438/12/I il-Kunsill ġie nfurmat li bejn it-23 u t-28 ta' April 2012, WasteServ ser tkun qed tagħmel stħarriġ dwar il-kompożizzjoni ta' l-iskart muniċipali billi tipprovdi boroż ta' kulur oranġjo lil numru ta' residenti li ser jiġu mitluba biex jiġbru l-iskart f'dawn il-boroż fil-ġranet imsemmija. Il-WasteServ qalet ukoll li dawn il-boroż ser jinġabru minn kollettur apposta fil-ħin tal-ġbir ta' l-iskart.

**3.20** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 445/12/I il-Kunsill qabel li jinħareġ avviż dwar inizjattiva tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fir-riġward tal-proġett '*Youth in Action*'.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Insurance Claim*

Il-Kunsill iddiskuta l-*claim* li sar lil *Insurance* tal-Kunsill fir-rigward tad-danni li sofra resident wara li siġra waqgħat fuq il-vettura tiegħu fi Triq iż-Żnuber. Il-Kunsill innota li l-amont ta' l-ispejjeż involuti kienu jammontaw għal €236 li minnhom il-Kunsill ried iħallas €230 bħala *excess fee*. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li ma kienx jaqbel li għal €6 idaħħal *claim* li jirrifletti fil-*claim experience* tiegħu.

### 4.2 *Manutenzjoni tal-Playing field*

Is-Sindku rrefera għal xogħol ta' manutenzjoni li hemm bżonn fil-*playing field*. Il-Kunsill ġie nfurmat li diġa nbidlu s-*seats* tal-bandli, saret manutenzjoni tal-*merry-go-round* u saret manutenzjoni neċessarja biex il-bandli ġew aktar sodi. Is-Sindku qal li issa jrid jiġi rranġat ir-*rubber matting*. Huwa qal li l-ispiża nvoluta tammonta għal €2,156 + VAT. Saret referenza għall-*Memo* 66/2011 - Skema ta' Finanzjament għal-titjib fil-*Playing Fields* u l-Kunsill qabel li jistenna li jingħata għajnuna finanzjarja taħt din l-iskema.

### 4.3 *Permess għall-isparar tal-festa Marija Annunzjata*

Il-Kunsill intalab jagħti l-kummenti tiegħu biex ikun jista' jintalab permess tal-pulizija biex jinħaraq nhar mill-għalqa li tinsab fil-limiti ta' Santa Luċija fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien. Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet dwar min ser inaddaf f'każ li r-riħ ikun jaqbel u nispiċċaw bit-toroq maħmuġin. Is-Sindku qal li meta ġara hekk u waqa' l-irmied fuq il-karozzi, saret talba lil Insurance tal-kuntrattur li għamlet talba għad-danni. Is-Sindku qal li fil-kummenti tiegħu l-Kunsill għandu jesiġi li l-affarijiet isiru skond il-liġi.

### 4.4 *Servizz ta' Accountant*

Is-Sindku rrefera għas-servizz ta' *accountant* li għandu l-Kunsill. Huwa qal li jidher li hemm problema ta' komunikazzjoni peress li l-*accountant* tal-Kunsill mhux qed iwieġeb għat-telefonati u l-*e-mails* li qed jibgħat il-Kunsill għall-attenzjoni tiegħu. Is-Sindku qal li sa kemm ikun hemm komunikazzjoni ma jistgħax jgħid x'inhi l-problema. Huwa qal li jekk il-problema tibqa' tippersisti l-Kunsill joħroġ sejħa għal dan is-servizz.

### 4.5 *Summer Schools*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar proposta ta' żewġ studenti minn Santa Luċija li xtaqu jwaqqfu *summer school* għal tfal ta' bejn is-seba' u t-tlettax-il sena. Il-Kunsill qabel li tinġieb informazzjoni mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni dwar din l-inizjattiva u ssir laqgħa ma' dawn iż-żgħażagħ dwar din il-proposta.

**4.6 *Kotba għal-Librerija Pubblika***

Is-Sindku rrefera għal kotba ta' natura politika li jistgħu jinxtraw għal-librerija pubblika ta' Santa Luċija. Huwa qal li l-SKS għandha offerta ta' kollezzjoni ta' kotba għall-ispiża totali ta' €250. Huwa propona li l-Kunsill jara jekk hemmx xi offerta simili minn naħa tal-PIN. Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm *ex-headmistress* li offriet li tagħti *reading lessons* meta l-librerija tinfetaħ ghal pubbliku.

**4.7 *Trasport Pubbliku***

Saret referenza għas-servizz tat-trasport pubbliku. Is-Sindku qal li mis-27 ta' Mejju 2012 ir-rotot lejn il-Belt ser ikunu aktar frekwenti u jekk jintlaqgħu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill biex ir-rotta X2 u X3, li jgħaddu minn Luqa *Bye-Pass*, jiefqu wkoll ħdejn Santa Luċija, ikun ifisser żewġ rotot oħra għan-nies ta ' Santa Luċija.

Ġie nnutat li fit-toroq ta' Santa Luċija qed isiru *driving lessons* minn *instructors* bil-konsegwenza li dawn qed joħolqu inkonvenjent lil pubbliku. Is-Sindku qal li kien ser jidħol fiha din il-problema biex jara hemmx xi soluzzjoni jew ta' l-anqas għandu ikun hemm ħinijiet stabbiliti.

**4.8 *Ħarġa għal Jum l-Omm***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien ser jorganizza ħarġa fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm fejn ir-residenti ser jittieħdu jżuru l-Palazz ta' San Anton u l-Palazz tal-Verdala. Il-Kunsillier Bonello qal li kien ser jorganizza ikla filgħaxija fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Huwa qal li xtaq iwaqqaf sotto-kumitat u ntalab iġib l-informazzjoni kollha għall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

**4.9 *Tqassim ta' ikel mill-EU***

Is-Sindku rrefera għall-ikel li jiġi pprovdut mill-Unjoni Ewropea biex jitqassam lin-nies mill-knejjes tal-lokal. Huwa ppropona li l-Kunsill joffri l-għajnuna tiegħu lil Kappillan f'din l-inizjattiva.

**4.10 *Santa Luċija Action Plan & Environmental Programme – Draft Consultation Document***

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill dokument imħejji minn Dr Malcolm Borg – *Heritage Enterprise Consultancy* dwar *Action Plan* u *Environment Programme* għal-lokalita' ta' Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li għandu jistieden lil Dr Malcolm Borg biex ikun preżenti waqt laqgħa tal-Kunsill biex jagħmel *presentation* dwar dan id-dokument.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3986 sa numru BOV4050 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għal-perjodu bejn 01/03/12 sa 13/04/12 (skeda numru 01).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 01-12 (04/04/12).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Marzu 2012 Ammont *Gross* €5441.46

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | € |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | (RC)57/10/I | Serv.Marzu.12 | 2812.00 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | PABX Marzu 12 | 84.99 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | PABX Frar 12 | 87.78 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01 | Serv.Marzu.12 | 1131.53 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | *Job sheet* 9279 *Inv.*16256 | 42.75 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | *Job sheet* 9283 *Inv.*16261 | 107.25 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | *Job sheet* 9207 | 38.14 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | *Job sheet* 11294 | 146.84 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | *Job sheet* 11293 | 266.17 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | *Job sheet* 9239 | 113.38 |
| ELC Ltd. | PKG 57 | 8449 | 2061.50 |

### 5.4 *Approvazzjoni għal xiri*

**5.4.1** Il-Kunsill approva xiri ta' *shelving units* għall-*Annex* tal-Kunsill. Dan ix-*shelving* inxtara mill-ħanut Il-Kantuniera għal spiża totali ta' €400.

**5.4.2** Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €251.16 għas-servizz ta' librara għax-xahar ta' Frar u Marzu. Is-Sindku spjega li bħalissa qed isir xogħol preparatorju qabel il-Librerija Pubblika tkun tista' infetaħ għall-pubbliku.

## 6. AUDIT 2011

Il-Kunsill iddiskuta l-*audit adjustments* li pproponew l-Awdituri tal-Kunsill fir-rigward ta' l-għeluq tas-sena finanzjarja 2011. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm rappreżentanta tal-Kumpanija Grant Thornton li tat spjegazzjoni ta' l-*audit adjustments* kollha u wieġbet għal-mistoqsijiet kollha li saru mill-membri tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet għala din is-sena kien hemm dawn l-*adjustments* u l-awditur wieġbet li dawn l-*adjustments* jirriflettu xi nuqqasijiet fil-mod ta' kif ġew irrekordjati l-*grants* fil-*Financial Statements*. Is-Sindku qal li dawn kienu problemi tekniċi u ma biddlu xejn mis-sitwazzjoni tajba tal-finanzi tal-Kunsill.

## 7. KARIGI TAL-KUNSILLIERA

Il-Kunsill approva lista ta' karigi ġodda għall-Kunsilliera li ġew eletti fl-elezzjoni – Marzu 2012. Il-karigi approvati huma kif ġej:

| ***Sindku:*** **Frederick Cutajar – PL** |
|---|
| Ippjanar ta' Żvilupp (Żoni Urbani u Rurali), Proġetti Ġodda, MEPA u GAL Xlokk |
| Ġonna Pubbliċi |
| Social Housing u Librerija Pubblika |
| Ġemellaġġi u Relazzjonijiet ma' Pajjiżi Barranin inkluż tal-UE |
| Fondi, Programmi u Proġetti EU |
| Edukazzjoni |
| Pubblikazzjonijiet tal-Kunsill (Newsletter) |
| Reġjun Nofsinhar, Utilitajiet Pubbliċi |

| ***Viċi Sindku:*** **Joe Balzan – PL** |
|---|
| Kultura u IT |
| Ħarsien tal-Wirt Storiku u Monumenti |
| Protezzjoni tal-Konsumatur |
| Ugwaljanza fil-Komunita' |
| Relazzjonijiet ma' l-Awtoritajiet Eklesjastiċi |

| ***Kunsillier:*** **Terrence Ellul – PL** |
|---|
| Żgħażagħ u Rikreazzjoni |
| Sports |
| Relazzjonijiet Pubbliċi |
| NGO's |
| Promozzjoni tal-Kunsill |
| Website |

| ***Kunsillier:*** **Joseph Bonello – PL** |
|---|
| Ordni Pubblika u Liċenzji tal-Kummerċ<br>Qasam Soċjali u Welfare<br>Saħħa u Anzjani<br>Servizzi għal Persuni bi Bżonnijiet Speċjali<br>Laison mal-Partiti Politiċi |

| ***Kunsillier:*** **Caroline Galea – PN** |
|---|
| Trasport<br>Sanita u Ċentru tas-Saħħa<br>Ambjent (Indafa Pubblika, etċ.)<br>Manutenzjoni Toroq u Bankini |

## 8. KUNTRATT TAL-KNIS U TINDIF TAT-TOROQ SS(57/12/01)

Il-Kunsill iddiskuta l-offerti li ntefgħu għas-sejħa li kien ħareġ il-Kunsill fir-rigward tal-kuntratt hawn fuq imsemmi. Għal din is-sejħa ntefgħu dawn l-offerti kif ġej:

| Kuntrattur | Ammont tat-Tender (€) |
|---|---|
| Owen Borg | 12,950 |
| Ronald Bezzina | 14,000 |
| Frankie Mifsud | 18,300 |
| Mary Mazzatelli | 13,500 |
| Euro Clean Waste Services | 18,680 |
| Salvu Mifsud | 26,520 |
| Willson Mifsud | 13,995 |

Il-Kunsill li dejjem jimxi bl-istess *policy*, jiġifieri dik ta' l-orħos offerta, kellem lil kuntrattur Owen Borg u għamillu diversi domandi dwar is-servizz li jipprovdi. Il-Kunsill innota ittra ta' referenza li saret minn Kunsill Lokali fejn is-Sur Borg jagħti servizz. Il-Kunsill unanimament qabel li dan il-kuntratt jingħata lis-Sur Owen Borg.

## 9. XOGĦOLIJIET

### 9.1 *Triq Inez Soler*

Il-Kunsill iddiskuta l-andament tax-xogħol fi Triq Inez Soler li ilu għaddej mill-bidu tas-sena. Is-Sindku qal li ntbagħtet ittra lil kuntrattur fejn il-Kunsill wera biċ-ċar li

ma kienx kuntent dwar kif mixjin l-affarijiet. Huwa qal li fl-ittra tiegħu l-Kunsill qal li kien tolleranti ħafna u fehem li kien hemm raġunijiet validi għaliex ittardja x-xogħol iżda wera biċ-ċar li ma setgħax jaċċetta aktar ir-rittmu li miexi bih dan ix-xogħol. Huwa qal li bdew isiru xi testijiet li kellhom jiefqu minħabba x-xita. Huwa qal ukoll li issa jidher li t-trinka tal-GO qed issir u li din il-ġimgħa stess ser jingħata t-*tarmac*.

### 9.2 *Latrina Pubblika*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-proġett tal-latrina pubblika huwa kważi lest. Huwa qal li jonqos biss isiru l-bibien ta' ġewwa u l-*metres* tad-dawl u l-ilma.

### 9.3 *Xogħol ta' manutenzjoni fuq il-komun tal-Binjiet tal-Gvern*

Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għall-iskema tal-Awtorita' tad-Djar biex isir xogħol ta' manuntenzjoni fil-komun tal-Binjiet tal-Gvern. Hija qalet li ma sarux twieqi li jgħalqu l-kaxxi maqtugħa fil-ħitan u meta tkun ix-xita qed jidħol l-ilma. Is-Sindku nforma li b' €5000 ma setgħax isir kollox. Huwa qal li meta tkellem mal-perit tal-Awtorita' tad-Djar dwar din il-problema ġie nfurmat li ser tinħareġ sejħa għall-offerti biex l-Awtorita' tkun tista' twettaq dan ix-xogħol bil-kuntratturi tagħha.

### 9.4 *Xogħolijiet oħra*

#### 9.4.1 *Ilmenti u Suġġerimenti*

Il-Kunsill iddiskuta xi lmenti li qed jiġu elenkati hawn taħt. Is-Sindku qal li hawn dawn in-nuqqasijiet għax il-ħaddiema naqsu ħafna. Huwa qal li kellna *handyman* assenjat mal-Kunsill ġie mgħajjat lura mid-Dipartiment, kellna tlett kenniesa u *supervisor* u issa għandna kennies wieħed u n-nies li kellna fil-Ġnien Ċiniż ħaduhom lura wkoll.

Ġew innutati dawn l-ilmenti:

- Tindif tas-sit arkeoloġiku fi Triq il-Lellux
- *Dustbins* imsadda, imkissra u ta' periklu fl-*area* ta' madwar il-*football ground* fejn hemm il-bankijiet tal-ħadid
- Ċanta maħmuġa f'Post il-Gladjoli u Triq il-Gardenja ħdejn hemm il-monument
- Tindif tal-*bins* fi Pjazza Dorell
- Manutenzjoni taċ-ċint fid-dħul f'Santa Luċija
- Ħamiem li qed jinżammu f'bitħa fi Blokk 11
- Talba biex issir mera bejn Triq il-Vjoli u Triq il-Petunja.

**10. TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fl-4.30 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tnejn, 21 ta’ Mejju 2012 fis-1.30p.m

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum it-Tnejn, 21 ta' Mejju 2012**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**